SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 14/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 05/03/'09 243**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 05/03/'09 296**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien hemm preżenti wkoll il-Perit Stephen Farrugia, MP&DC.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-2 ta' Marzu 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Laqgħa mal-Perit
4. Car Park – Balluta Area
5. Performance Bonus

6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 13/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ressaq emenda sabiex f'paġna 5, para 2.06, minflok il-kelma **Frar** jitniżżel **Marzu**.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/09.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 834 | Memo 14/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Konsultazzjoni għat-tfassil ta' Policy dwar Open Storage. |
| 878 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 834

2.02 B'riferenza għall-Memo 14/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward konsultazzjoni għat-tfassil ta' *Policy dwar Open Storage* ġie deċiż unanimament illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat illi l-Kunsill

m'għandux siti adegwat fil-lokalita' li jistgħu jiġu utilizzati biex jintużaw bħala Open Storage.

Rif. Nru. 878

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala ġie kkonfermat li l-ġurnata tal-Qala International Folk Festival fil-lokalita' ta' San Ġiljan hi dik tal-Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2009.

## 3 Laqgħa mal-Perit

3.01 Saret riferenza għall-ittri mingħand il-Perit Stephen Farrugia, MP&DC Rif. (Inc 786/09 datata 20 ta' Frar 2009 u inc 889/09 datata 27 ta' Frar 2009) rigward it-talba li saret mill-Kuntrattur Ludwig Dimech, Dimbros Ltd, sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jiġu riveduti r-rati tal-prezzjijiet tat-Tender *Upkeep & Maintenance of Access Roads of Access only and Pedestrian Street* u sabiex jitħallas bl-arretrati tax-xogħolijiet li għamel minn meta ħa t-tender (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Perit Stephen Farrugia ta spjegazzjoni ta' l-ittra tiegħu u kkonferma li ċerti prezzijiet għolew.

3.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi s-Sur Ludwig Dimech jiġi nfurmat illi l-Kunsill ma jistax jilqa' it-talba tiegħu minħabba li l-accounts għas-sena finanzjarja 2008 huma diġa' magħluqa u awdittjati.

## 4 Car Park Balluta

4.01 Il-Perit Stephen Farrugia ppreżenta pjanta lill-Kunsill dwar il-proġett tal-Car Park fil-Pjazza Balluta. Huwa nforma lill-Kunsill illi, wara li avviċina lill-MEPA sabiex jiġi ggwidat dwar dan il-proġett, huwa ġie nfurmat illi l-Kunsill jista' jibbenefika mill-fondi tal-MEPA. Il-Perit spjega illi:-

- f'dan il-Car Park jistgħu joqogħdu madwar mija u tletin (130) karozza;
- dan il-proġett jista' jiġi mmaniġjat mill-Kunsill jew mill-privat b'konnessjoni mal-Kunsill;

- dan il-proġett jinkludi li jingħata servizz ta' 'electric vehicles' għal-lokalita';

- dan il-proġett jitlesta fuq perjodu ta' sentejn.

4.02 Wara diskussjoni ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li l-Perit Stephen Farrugia jieħu kull azzjoni neċessarja sabiex jiġu ppreparati d-dokumenti kollha meħtieġa biex isir 'car park' fil-Pjazza tal-Balluta.

4.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Il-Kunsill irringrazzja lill-Perit Stephen Farrugia li ġie skużat fit-3.15p.m.

## 5. Performance Bonus

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq l-appraisal forms tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv rrakomandat illi l-iskrivani kollha jingħataw il-full performance bonus.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani.

5.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

## 6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2604 sa 2606 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2604 sa 2606.

7.03 I-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi s-Sur Philip Gatt tal-Massive Promotions applika sabiex jagħmel Big Screen fil-Car Park tat-Tigullio għall-World Cup tat-2010 (Rif Inc. 636/09) minħabba li din is-sena laħaq applika tar-Ryans Pub biex jagħmel din l-attivita' għaċ-Champions League.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li qed tinħoloq problema peress illi l-applikazzjonijiet għall-Big Screen qed jiġu sottomessi ħafna qabel iż-żmien. Hija nfurmat lill-Kunsill li għandhom jiġu osservati ir-regolamanti ta' l-A.L. 119/2002 kif konsolidat.

8.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi s-Sur Philipe Gatt jingħata l-permess għall-World Cup 2010 u li jħallas l-ispejjeż kollha.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser isiru żewġ laqgħat mal-MEUSAC nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2009 waħda fis-1.00pm dwar il-proġetti u l-oħra fis-2.30pm mal-koordinaturi tal-attivita' tal-Meditteranean Fest (Lampuki Fest). Dawn iż-żewġ laqgħat ser isiru fl-uffiċċju tal-MEUSAC il-Belt.

8.05 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi ġabar informazzjoni dwar ix-xelters li hawn fil-lokalita' u li l-ħsieb huwa li 'l-quddiem jiġu restawrati tnejn minnhom biex ikunu attrazzjoni għall-pubbliku in ġenerali.

8.06 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li ser jipprova jiġbor l-informazzjoni fejn kienu l-għejun fil-lokalita'.

8.07 Ġie deċiż illi ssir laqgħa mal-pulizija sabiex jiġi diskuss is-sitwazzjoni tat-traffiku fil-lokalita'

8.08 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**